MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 232/2008

**A B bhala kuratrici “ad litem” ta’ binha minuri C D E skond digriet tat-2 ta’ Gunju 2008**

**-vs-**

**F E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi b’kuntratt ta’ firda personali in atti Nutar Rachel Busuttil tat-23 ta’ Frar 1999 – Dok. A – l-intimand kellu jhallas manteniment ghat-tifel minuri tal-kontendenti C E, illum ta’ hdax (11)-il sena – li tieghu l-esponenti ghandha l-kura u l-kustodja – fl-ammont ta’ mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmi (€116.47) – qabel Lm50 – fix-xahar li issa ilu ma jhallas minn Ottubru 2007;

Illi fil-kuntratt hemm miftiehem li din ir-retta alimentari ghandha tkun mibdula kull tliet (3) snin mid-data tal-kuntratt. Izda din ir-retta qatt ma nbidlet;

Illi barra minn hekk l-esponenti kienet ghaddiet lill-intimand il-passaport tal-minuri C D biex ikun jista' jsiefer mieghu izda wara li gew lura l-intimand naqas li jrodd lura l-passaport tal-minuri lill-istanti;

Illi ghalkemm l-istanti ppruvat kemm bonarjament u kemm bil-medjazzjoni biex l-intimand ihallas il-manteniment (u jkun mizjud) u jrodd lura l-passaport tal-minuri, dan baqa' inadempjenti; Dok. B;

Ghaldaqstant, titlob l-esponenti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-minuri C D E – billi tkun mibdula dik miftehma fil-kuntratt;

Tikkundanna lill-intimand ihallas dik ir-retta alimentari hekk iffissata;

Tikkundanna lill-intimand irodd lura l-passaport tal-minuri C D E f'idejn l-istanti u fin-nuqqas, minbarra li tikkomina kontra l-intimand dawk il-penali li jidhrilha xierqa, tawtorizza lill-istanti taghmel passaport iehor f'isem il-minuri C D E a spejjez ta' l-istess intimand.

Bl-ispejjez, maghduda dawk ta' l-ittra bonarja tad-9 ta' Jannar 2008, kontra l-intimand mharrek minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 4 ta' April 2008 fejn l-istess rikorrenti nghatat l-awtorizzazzjoni biex tipprocedi kontra l-intimat gudizzjarjament stante li l-istess intimat ma attendiex ghall-medjazzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat a tenur tal-Art. 187 (3), l-intimat ma wegibx ghall-kawza.

Rat id-digriet tgahha tal-21 ta' April 2009 li permezz tieghu, din il-Qorti akkordat lill-intimat ghoxrin jum biex jipprezenta risposta guramentata ghall-kawza.

Rat ir-risposta guramentata ta' F E fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament in-nullita' tar-rikors guramentat stante illi l-premessi m'humiex numerati kif rikjest fl-artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

a) Il-paga tal-esponent ghadha l-istess bhal ma kienet meta sar il-kuntratt tas-separazzjoni fit-23 ta' Frar, 1999.

b) Minbarra r-retta alimentarja msemmija l-esponent qieghed ukoll jipprovdi dar fejn joqghod C ma' ommu skond il-kuntratt tas-separazzjoni.

c) Meta sar il-kuntratt tas-separazzjoni, l-attrici ma kinitx tahdem (u dan gie kkunsidrat waqt li sar il-kuntratt tas-separazzjoni). Illum l-attrici ghandha full time job u tahdem bhala nurse, u ghandha introjtu iktar mill-esponent. Dan huwa rifless fil-mod ta' kif tghix. In effetti hija siefret, xtrat karozza gdida fost affarijiet ohra.

d) Fl-10 t'Awissu 1999, l-esponent kellu tifla u qieghed ihallas manteniment taghha ta' Euro 116 fix-xahar apparti spejjez ohra biex jipprovdilha dar fejn toqghod m'ommha. Dan jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok. MA1.

e) L-esponent ghadu impjegat tal-MSL (Tarzna) u l-futur tax-xoghol tieghu jinsab incert hafna.

f) L-attrici dahlet ragel barrani (certu *omissis (isem)*) jghix maghha u mal-minuri bi ksur tal-klawsola 7 tal-kuntratt.

Illi t-talba attrici rigwardanti r-ritorn tal-passaport ghandha tigi michuda ukoll stante illi l-passaport ilu skadut minn 15 ta' Gunju 2008 (Dok. MA2).

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-affidavit prodotti.

Kkunsidrat illi fic-cirkostanzi, l-intimat ma gab ebda raguni valida lil din il-Qorti ghalfejn huwa ghandu jigi b'xi mod ezonerat mill-obbligu tieghu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu. Il-fatt li ghandu wild iehor ma jnaqqas xejn minn dan l-obbligu. Il-fatt tal-incertezza tal-impjieg tieghu fit-Tarzna ukoll ma jezonerahx stante li dan kellu ghazla ta' somma ta' flus konsiderevoli jew li jzomm impjieg ma' entita' pubblika.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tiffissa s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat bhala retta alimentari xierqa ghall-bzonnijiet tal-minuri C minflok dik miftehma fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Frar, 1999.

2. Tikkundanna lil F E ihallas is-somma ta' €200 kull erba' gimghat lil A B ghall-minuri C.

3. Tawtorizza lil A B tottjeni passaport gdid ghall-minuri C E a spejjez tal-istess F E.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn F E.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------